

31993D0195

6.4.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 86/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 1993

dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja

(93/195/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

infettiv jew li jittieħed f' *equidae* ta' listi A u B ta' l-Uffiċju Internazzjonali ta' l-Epiżjotika (UIE) jew l-adozzjoni ta' vaċċinazzjoni kontribom, f'perijodu xieraq, ta' kwalunkwe tibdil propost fir-regoli ta' importazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw l-*equidae*;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregaolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae* ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendati mid-Direttiva 92/36/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (ii) tagħha,

Billi l-kategoriji differenti ta' żwiemel għandhom il-fatturi tagħhom u l-importazzjonijiet tagħhom huma awtorizzati għall-għanijiet differenti; filwaqt li, konsegwentement, ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa jistgħu jkunu stabbiliti għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja;

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/100/KEE ⁽⁴⁾, il-lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimpurtaw *equidae* b'mod partikolari ġew stabbiliti;

Billi huwa wkoll neċessarju li tiġi kkunsidrata r-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi li jidhru fil-lista msemmija fuq, li hija soġġetta għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE ⁽⁵⁾, kif emendata mid-Deċiżjoni 92/161/KEE ⁽⁶⁾;

Billi, kunsidrata l-eżistenza tas-sitwazzjonijiet tas-saħħa ekwivalenti fil-korsa u f'postijiet fejn isiru kompetizzjonijiet u okkażjonijiet kulturali, u kondirata l-iżolazzjoni minn *equidae* ta' livell baxx fis-saħħa, jidher prudenti li jiġi stabbilit ċertifikat singlu tas-saħħa għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja għall-pajjiżi terzi;

Billi l-awtoritajiet nazzjonali veterinarji ntrabtu sabiex jinnotifikaw 'il Kummissjoni u 'l Istati Membri, permezz ta' telegramm, *telex* jew *telex*, f'24 siegħa mill-konferma ta' mard

⁽¹⁾ ĠU L 224, ta' l-1.8.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 157, tal-10.6.1992, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 40, tas-17.2.1993, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 27.

⁽⁶⁾ ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 29.

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara l-esportazzjoni temporanja, meta dawn iż-żwiemel bħal dawn:

- ritorn minn pajjiżi terzi li jidhru fi Partijiet I u II tal-kolonna speċjali għall-*equidae* fl-Anness għad-Deċiżjoni 79/542/KEE li għalih kienu esportati temporanjament jew direttament wara t-transitu f'pajjiżi oħra ta' l-istess grupp fl-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti,

- iħares il-ħtiġijiet preskritti f'kampjuni taċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fl-Anness II għad-Deċiżjoni preżenti.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-2 Frar 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Grupp A

l-Awstrija, l-Finlandja, Groenlandja, l-Islanda, n-Norveġja, l-Isvezja, l-Isvizzera

Grupp B

l-Awstralja, l-Belarus, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Latvja, l-Litwanja, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Montenegro, in-New Zealand, il-Polonja, r-Rumanija, r-Russja⁽¹⁾, s-Serbja, r-Repubblika Slovakka, l-Islovenja, l-Ukrajna

Grupp C

il-Kanada, Hong Kong, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerika

Grupp D

l-Arġentina, l-Barbados, Bermuda, l-Bolivja, l-Brażil⁽¹⁾, iċ-Ċili, l-Kolombja⁽¹⁾, l-Kosta Rika⁽¹⁾, Kuba, l-Ekwador⁽¹⁾, il-Ġamajka, l-Messiku, l-Paragwaj, il-Peru⁽¹⁾, l-Urugwaj, il-Venezuela⁽¹⁾

Grupp E

L-Algerija, l-Bahrejn, l-Eġittu⁽¹⁾, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kuwajt, il-Libja, Malta, l-Mawrizju, l-Oman, it-Tuneżija, t-Turkija⁽¹⁾, l-Emirati Arab Magħquda

⁽¹⁾ Parti mit-territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE, kif dikjarat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/160/KEE, kif l-aħħar emendata.

L-ANNEX II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali fit-territorju tal-Komunitá wara esportazzjoni temporanja f'perijodu ta' anqas minn 30 jum:

Grupp A

l-Awstrija, l-Finlandja, Groenlandja, l-Islanda, n-Norveġja, l-Isvezja, l-Isvizzera

Grupp B

l-Awstralja, l-Belarus, il-Bulgarija, l-Kroazja, Ċipru, r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, l-Latvja, l-Litwanja, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Montenegro, n-New Zealand, il-Polonja, r-Rumanija, r-Russja ⁽¹⁾, s-Serbja, r-Repubblika Slovacka, l-Islovenja, l-Ukrajna,

Grupp C

il-Kanada, Hong Kong, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerika

Grupp D

l-Arġentina, l-Barbados, il-Bermuda, l-Bolivja, l-Brażil ⁽¹⁾, iċ-Ċili, l-Kolombja ⁽¹⁾, l-Kosta Rika ⁽¹⁾, Kuba, l-Ekwador ⁽¹⁾, il-Ġamajka, l-Messiku, l-Paragwaj, il-Peru ⁽¹⁾, l-Urugwaj, il-Venezwela ⁽¹⁾

Grupp E

l-Algerija, l-Bahrejn, l-Eġittu ⁽¹⁾, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kuwajt, il-Libja, Malta, l-Mawrizju, l-Oman, it-Tuneżija, t-Turkija ⁽¹⁾, l-Emirati Arab Magħquda

Nru taċ-ċertifikat:

Pajjiż terz tad-dispaċċ ⁽¹⁾:

Ministeru responsabbli:

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

a) Nru. ta' identifikazzjoni tad-dokumnt (Passaport)

b) Validat minn

(Isem ta' awtoritá kompetenti)

II. Oriġini u destinazzjoni taż-żiemel

lż-żiemel għandu jintbghat minn

(Post u esportazzjoni)

sa

(L-Istati Membri u post tad-destinazzjoni)

— bis-saqajn ⁽²⁾

jew

— permezz tal-ferrovija/trakk/ajruplan/vapur.

(indika l-mezz ta' trasport u l-marki ta' reġistrazzjoni, numru tat-titjira jew isem reġistrat, kif xieraq ⁽²⁾)

Numru u Indirizz ta' min jikkonsinja:

.....

.....

Isem u Indirizz tal-kosinnatarju:

.....

.....

III. Informazzjoni dwar is-Sahha

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ż-żiemel deskritt hawn fuq jikkonforma mall-ħtiġijiet li ġejjin:

a) jiġi minn pajjiż fejn il-mard li ġej għandu jiġi notifikat bilfors: Il-marda taż-żiemel Afrikan, dourine, glanders, equine encephalomyelitis (tat-tipi kollha inklużi VEE), anemija li tista' tinfetta, vesicular stomatitis, idrofobja, traċina;

- b) ġie eżaminat illum u ma juri l-ebda sinjal kliniku tal-marda ⁽³⁾;
- c) mhux maħsub biex jinqatel skond programm nazzjonali ta' mard infettiv jew qirda ta' mard li jittieħed;
- d) ma kienx barra mill-Komunitá għall-perijodu kontinwu ta' aktar minn 30 jum u kien importat f'pajjiż ieħor ⁽¹⁾ ta' dispaċċ fi ^(*) jew minn Stat Membru tal-Komunitá jew minn — pajjiż li jidher fl-istess grupp (ara 'l fuq) u billi l-ħruġ tiegħu mill-Komunitá qatt ma kien f'pajjiż barra minn dawk fl-istess grupp; kien resident ta' oqsma taħt superviżjoni veterinarja, u qagħad fi stallel separati mingħajr ma ġie fil-kuntatt ma' *equidae* ta' livell baxx tas-saħħa ħlief waqt tiġrijiet, kompetizzjoni jew okkażjonijiet kulturali;
- e) jiġi minn territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skond il-Komunitá minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz li fi:
- i. Equineencephalomyelitis ta' Venezwela ma sehbx waqt l-aħħar sentejn;
 - ii. ma kienx hemm każ ta' dourine waqt l-aħħar sitt xhur;
 - iii. ma kienx hemm każ ta' glanders waqt l-aħħar sitt xhur;
- f) ma jiġix minn territorju jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz kkunsidrat, skond il-leġislażjoni tal-Komunitá, li hu infettat mill-marda taż-żiemel Afrikan;
- g) ma jiġix minn qasam li kien soġġett għall-projbizzjoni għall-raġunijiet tas-saħħa ta' l-annimali lanqas ma kien f'kuntatt ma' *equidae* minn qasam li kien soġġett għall-projbizzjoni ta' raġunijiet tas-saħħa ta' l-annimali:
- i. waqt is-sitt xhur fil-każ ta' equine encephalomyelitis, li tibda fid-data li fiha l-*equidae* li jsofru mill-mard huma maqtula;
 - ii. fil-każ ta' anemija infettiva, sad-data li fiha, l-annimali infettati li ġew maqtula, l-annimali li baqa' wrew reazzjoni negattiva f' żewġ testijiet Coggins li saru tlett xhur 'il bogħod minn xulxin;
 - iii. waqt sitt xhur fil-każ ta' vesicular stomatitis;
 - iv. waqt sitt xhur fil-każ ta' equine viral arthritis;
 - v. waqt xahar mill-aħħar każ rekordjat, fil-każ ta' idrofobja;
 - vi. waqt ħmistax il-ġurnata mill-aħħar każ rekordjat, fil-każ ta' traċina;
- Jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard li jinsab fl-ażjenda ġew maqtula u l-post ġie disinnett, il-perijodu ta' projbizzjoni għandu jkun 30 ġurnata, li jibda fil-ġurnata li fiha l-annimali nqerdu u l-postijiet disinnettati, ħlief fil-każ ta' traċina, fejn il-perijodu ta' projbizzjoni huwa 15 il-ġurnata;
- h) skond l-aħjar tagħrif, ma ġiex f'kuntatt ma' *equidae* li jsofru minn marda infettiva jew li tinxtered fi ħmistax il-ġurnata qabel din id-dikjarazzjoni.

IV. Iż-żiemel jintbghat f'vettura nadifa u disinnettata minn qabel b'disinnettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż tad-dispaċċ u disinjat b'tali mod li l-qtar, ħmieġ jew l-għalf ma' jistax joħroġ waqt it-trasport.

Id-dikjarazzjoni li ġeja ffirmata mis-sid jew rappreżentant (16) hija parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat huwa validu għall-10 tjiem Fil-każ ta' trasport bil-vapur iż-żmien huwa mtawwal biż-żmien tal-vjaġġ.

Data	Post	Timbru (*) u firma tal-veterinarju uffiċjali

(Isem f'ittri kbar, ittri, kwalifikazzjonijiet u titolu)

(*) Il-kulur tat-timbru għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat (daħħal l-isem f'ittri kbar)
 (sid ir-rappreżentant ⁽²⁾ taż-żiemel deskritt hawn taħt)

niddikkjara;

1. li iż-żiemel jintbghat direttament mill-postijiet tad-dispaċċ għall-postijiet tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġi f'kontatt ma' equidae oħrajn li ma għandhomx l-istess stat ta' saħħa;
2. il-kundizzjonijiet tal-paragrafu (d) fil-Kapitolu III huma sodisfatti;
3. iż-żiemel ġie esportat mill-KEE fuq ⁽⁴⁾.

.....
 (Post, data) (Firma)

⁽¹⁾ Parti mit-territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE, kif dikjarat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/160/KEE, kif l-aħħar emendata.

⁽²⁾ Ħassar kif suppost.

⁽³⁾ Lċ-ċertifikat għandu jidher fil-gumata tat-tagħbija taż-żiemel għad-dispaċċ għall-post tad-destinazzjoni fl-aħħar gumata tax-xogħol qabel l-embarkazzjoni.

⁽⁴⁾ Daħħal id-data.